BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 11/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2009 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri (Aġenda 5 sa Aġenda 7)**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Is-Sur Rocco Zahra**<br>**Mrs Sarah Cuschieri (Aġenda 1 sa Aġenda 4)** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 10/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u J.Borg issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/11 -* Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 infurmaw lill-Kamra fir-rigward ta' mawra li l-banda u l-kor ser jagħmlu ġewwa l-Vatikan u Ruma f'April 2010 sabiex jagħtu servizzi mużikali. Huma ressqu talba għal għajnuna finanzjarja. Skond il-Liġi tal-Kunsilli Lokali li ġiet amendata nhar l-1 ta' Novembru 2009 fejn tistabilixxi li l-Kunsilli ma jistgħux jagħtu donazzjonijiet , kif ukoll fuq *policy* tal-Kunsill, il-Kamra ma laqgħetx din it-talba.

*02/11 -* Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li ntbagħtet mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 lir-Rev. Kappillan Dun Nikol Pace fejn infurmawh bil-punti li tqajjmu waqt il-laqgħa bejn is-Soċjetà u l-Kunsill Lokali fir-rigward tal-festa titulari ta' San Pietru. Ukoll qed jitolbu lill-Kappillan laqgħa bejn il-partijiet kollha ikkonċernati. Il-Kamra approvat li dawn il-punti huma korretti.

*03/11 -* Tressqet talba mill-Perit Hector Zammit għan-nom tas-Sur George Vella, sabiex għall-perijodu ta' bejn il-15 ta' Mejju 2010 u il-15 ta' Settembru 2010 jintrama 'Dodgem Luna Park' (Bumping Cars) fil-parkeġġ ta' Wied Il-Buni. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba bil-kundizzjoni li jekk joħroġ il-permess tal-MEPA PA 07849/06 għal żvilupp f'dan il-parkeġġ, il-*bumping cars* ma jkunux jistgħu jintramaw.

*04/11 -* Tressqet talba mill-Perit A.C.Bezzina għan-nom tas-Sur Philip Azzopardi, sabiex għal perijodu ta' bejn il-15 ta' Ġunju 2010 u l-15 ta' Settembru 2010 jintrama trampoline fuq il-

grawnd tal-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqgħetx din it-talba però issuġġerit li jekk il-klijent jaċċetta jista' jarma l-istess struttura fuq ir-ramel maġenb il-futbol grawnds.

*05/11* - Il-Forum Żgħażagħ Laburisti ta' Birżebbuġa bagħtu jinfurmaw lill-Kunsill li għandhom intenzjoni li jagħmlu donazzjoni ta' siġar għal-lokalità. Huma qed jitolbu li jiġi diskuss mal-Kunsill fejn dawn is-siġar jistgħu jitħawwlu. Il-Kunsill faħħar din l-inizjattiva u T.Roberts bħala *Chairman* tal-ġonna ser jiltaqa' ma' rappreżentant tal-Forum sabiex isibu sit u t-tip ta' siġar li hemm bżonn.

*06/11* - Il-MEPA ħarġet skema ta' għotjiet ta' flus għar-restawr ta' gallariji tradizzjonali tal-injam. Għal dan il-għan il-MEPA qegħda tistieden il-Kunsill sabiex jospità esibizzjoni dwar dawn il-gallariji u ssir preżentazzjoni qasira mill-MEPA dwar dan is-suġġett. Minħabba li l-lokal tagħna m'huwiex lokal li hawn dawn it-tipi ta' gallariji l-Kamra qablet li ma' ttellax din l-esibizzjoni però nitolbu l-MEPA iżżommna aġġornati meta ser ittella' din l-esibizzjoni fil-lokalitajiet viċin.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti kwotazzjonijiet għal Servizz ta' Tindif fil-Lokalità :-

| | | |
|---|---|---|
| Offerta 1 - | New Era Waste Services - | € 175.00 |
| Offerta 2 - | Paul Cutajar - | € 255.00 |
| Offerta 3 - | Saviour Mifsud - | € 395.00 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel Kuntrattur Nru. 1 - New Era Waste Services peress li kien l-orħos wieħed.

***AĠENDA -4***

Il-Kamra ġiet infurmata li nhar il-Ħamis, 29 ta' Ottubru 2009 saru l-*interviews* għall-ingaġġ tal-*part-timers*. Fuq il-bord kien hemm is-Sindku, is-Sur J. Farrugia, il-Viċi-Sindku, is-Sur J.Baldacchino u l-Kunsilliera, Ms Sarah Cuschieri filwaqt li s-Segretarju Eżk. mexxiet l-*interviews.* J.Baldacchino u S.Cuschieri taw marki lil kull applikant/a fuq sett ta' mistoqsijiet ippreparati minn qabel. B'dawn il-marki ħarġu l-aħjar ħames kandidati li huma Ms Eleanor Manicaro, Ms Sonia Degabriele Fiott, Ms Kimberly-Jo Fenech, Ms Carol Mallia u Ms Stephanie Caruana f'dik l-ordni. Hawnhekk is-Sindku intalab jagħti l-opinjoni tiegħu fuq dawn il-ħames kandidati. Is-Sindku apparti li kkonsidra kif irrispondew l-applikanti fl-*interviews* ikkonsidra wkoll l-esperjenza li dawn kellhom fuq xogħol f'Kunsilli Lokali biex b'hekk ħarġu l-aħjar tliet kandidati li huma Ms Eleanor Manicaro, Ms Kimberly-Jo Fenech u Ms Sonia Degabriele Fiott f'dik l-ordni. Minn dawn il-Kamra kellha tagħżel żewġ kandidati. T.Roberts ippropona li ġie ssekondat minn J.Borg u B.Pace, li peress li għandu fiduċja fil-bord għandhom jintgħażlu kif issuġġerixxa l-bord cioè l-ewwel żewġ kandidati. Għaldaqstant fuq qbil unanimu tal-Kamra intgħażlu Ms Eleanor Manicaro u Ms Kimberly-Jo Fenech. Il-bord irrimarka li l-kandidati kollha intervistati kienu ta' livell għoli.

***AĠENDA -5***

J.Borg informa l-Kamra dwar Konferenza tal-għaqdiet lokali kollha li saret nhar is-Sibt, 24 ta' Ottubru 2009. F'din il-Konferenza kull għaqda kellha l-ħin sabiex tagħti l-opinjoni tagħha ta' x'għandu jsir fil-lokal. Fost il-punti li tqajjmu f'din il-Konferenza kien hemm :

- li l-għaqdiet jixtiequ aktar għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Lokali
- li jsir kalendarju kulturali bl-attivitajiet ta' l-għaqdiet kollha
- tqajjmet il-kwistjoni fuq l-art li hemm maġenb l-iskola li tista' tintuża aħjar
- l-għaqdiet għamlu proposta sabiex jingħataw spazju jiktbu fil-fuljett tal-Kunsill
- li ssir għaqda waħda fil-lokal li tinkorpora rappreżentanza ta' kull għaqda u dawn ser jibdew jiltaqgħu tliet darbiet fis-sena

Il-Kamra qablet li l-għaqdiet fil-lokal huma importanti u bżonnjużi u għaldaqstant għandna naħdmu mill-qrib magħhom.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Novembru '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €37965.21 titħallas skond Skeda Nru. 11/09.

***AĠENDA -7***

1. B.Pace fakkret lill-Kamra sabiex kulħadd ilesti l-messaġġ tiegħu ħalli jiġi ppubblikat fil-fuljett tal-Kunsill. Fuq l-idea li ħarġet fil-Konferenza ta' l-għaqdiet lokali, B.Pace issuġġerit li kull sena nippubblikaw l-artiklu ta' żewġ għaqdiet fil-fuljett tal-Kunsill. Kulħadd qabel.

2. J.Baldacchino ressaq mozzjoni sabiex jintgħażel bord ħalli jiddiskuti s-sejħiet pubbliċi li ser jagħlqu nhar is-16 ta' Diċembru sabiex b'hekk itella' ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kamra. Il-Kamra qablet li l-bord għal dawn is-sejħiet pubbliċi ikun magħmul mis-Sindku, is-Sur J.Farrugia, mill-Viċi-Sindku, is-Sur J.Baldacchino u mill-Kunsillier, is-Sur T.Roberts. Ukoll informa lill-Kamra li nhar is-26 ta' Novembru l-Kunsill ser jorganizza 'Jum l-Anzjan'.

3. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, is-Sur J.Baldacchino biex tintalab id-devoluzzjoni ta' sit fi Triq Santa Katarina ħalli tiġi żviluppata f'Ċentru Ċiviku. Kulħadd qabel.

4. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

   a) Ġiet aċċettata l-applikazzjoni għall-ko-finanzjament mill-Gvern Ċentrali fuq il-fondi mill-Unjoni Ewropeja għal proġett taħt skema EAFRD measure 323.

   b) Ġiet magħżula l-applikazzjoni għall-fondi skond Memo 42/2009 sabiex il-Kunsill jorganizza attività ta' logħob tradizzjonali.

   c) Ħarġet sejħa pubblika għal :

      Tender Nru. 05/09 - Ġbir ta' skart imħallat
      Tender Nru. 06/09 - Ġbir ta' skart goff
      Tender Nru. 07/09 - Manutenzjoni ta' lampi tad-dawl tat-toroq
      Tender Nru. 08/09 - Manutenzjoni ta' lampi ornamentali

      Kwotazzjoni Nru. 01/09 - *Printing* tal-fuljett tal-Kunsill

5. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-attivita' ta' 'Jum Birżebbuġa' li sar nhar is-6 ta' Settembru 2009 fejn kien hemm spejjeż ta' €2249.76. Il-Kamra approvat dan ir-rapport.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009 fil-5.30pm. .

**.........................................** **...............................................**

**Joseph Farrugia** — **Sindku**

**Maria Galea** — **Segretarju Eżk.**

## Schedule of Payments 11/09

## Period 01/11/2009 till 30/11/2009

| Cheque | To | For | Amount Euro |
|---|---|---|---|
| 7521 | Chossey DVD | Computer Repair | 39.80 |
| 7546 | Pauline Ellul | Office Cleaning Sep 09 | 95.00 |
| 7495 | Wage | Support Services Sep 09 | 349.30 |
| 7552 | Maltapost plc | Envelopes with Stamps | 783.00 |
| 7561 | Chossey DVD | TV set | 570.00 |
| 7562 | Tony Minuti | Qtugh ta' haxix -sqaq fi triq ghar dalam | 70.00 |
| 7563 | Enemalta Corporation | New Lamp on Alley - Triq Ghar Dalam | 1305.00 |
| 7564 | Charles Fenech | Tipper Truck - Sep 09 | 1386.00 |
| 7565 - 68 | Salaries | Salaries and Wages Oct 09 | 4277.97 |
| 7570 | Joseph Farrugia | Reimbursed Expenses - October 09 | 146.60 |
| 7569 | Inland Revenue Dept | NIC & PAYE October 09 | 1123.54 |
| 7579 | Tino 2000 | Office Supplies | 58.89 |
| 7577 | Carmen Debattista | Library Opening - September 09 | 100.62 |
| 7585 | J. Brincat | Newspapers - September 09 | 43.91 |
| 7612 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7611 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7586 | Swallow Garage | Transport - Day Center | 223.60 |
| 7587 | Hightech Office Supplies | Photocopier Repair | 52.66 |
| 7588 | Silvio Camilleri | Various Supplies - July till Sept 09 | 2126.83 |
| 7588 | Silvio Camilleri | Recycling Bags | 1350.00 |
| 7589 | Duraprint | Stationery | 284.62 |
| 7592 | Zurrieq Joint Comittee | LES Expenses - July 09 | 5923.71 |
| 7590 | Go | ADSL yearly fee | 210.63 |
| 7594 | JM Installations | Lighting Repairs | 5023.01 |
| 7595 | Nexos Street Lighting | Lighting Repairs | 714.25 |
| 7596 | Central Districts Office | Patching | 2543.05 |
| 7597 | General Eco. Services Co. Ltd | Cleaning of water culverts | 659.68 |
| 7578 | David Schembri | New Aircondition Hall | 2300.00 |
| 7603 | Allied Newspapers | Advert | 68.91 |
| 7602 | Asfaltar Ltd. | Open grade emulsion for patching | 1543.79 |
| 7601 | Aeco telephone System | Telephones Programming | 49.56 |
| 7580 | Go | Telephone Charges | 388.60 |
| 7571po | Alfred Schembri | Cleaning of valley Zurrieq Road | 1025.00 |
| 7600 | Union Print | Advert | 55.13 |
| 7599 | Sound Vision Print | Advert | 70.42 |
| 7598 | MITA | Support Services - Oct - Dec 09 | 477.58 |
| 7604 | Vodafone | Telephone Charges | 30.70 |
| 7609 | MediaLink | Advert | 54.75 |
| 7608 | Elmein Ltd. | Lift Maintenance | 140.97 |
| 7610 | Smart Office Supplies | Stationery | 65.82 |
| 7607 | Keith Grima | Jum Birzebbuga | 80.00 |
| 7606 | WasteServ Ltd | Bring in Sites - Sept 09 | 287.02 |
| 7605 | JJ Ironmongery | Various Supplies | 1081.29 |
| 7617 | Anglu Cutajar | Jum Birzebbuga | 649.00 |
| 7584 | Andrew Fleri Soler | Toner Cartridge | 55.00 |
| | | **Total Paid** | **37965.21** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**